A.L. 357 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI (KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Archive and Records Management, għad-Diploma in Library and Information Studies, u għall-Grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies - B. LIAS - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Archive and Records Management, għad-Diploma in Library and Information Studies, u għall-grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies - B. LIAS - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru tat-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Archive and Records Management jew id-Diploma in Library and Information Studies;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies – B. LIAS;

"il-Kors għad-Diploma" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma in Archive and Records Management jew għad-Diploma in Library and Information Studies;

"il-Kors għall-Grad" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Library, Information and Archive Studies – B. LIAS; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2005 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-Grad jista' jingħata fil-Library and Information Studies u fl-Archive Studies bħala żewġ oqsma ta' studju ewlenin ordinarji.

(2) Id-Diploma tista' tingħata jew fl-Archive and Records Management jew fil-Library and Information Studies.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għad-Dħul fil-Kors

4. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors għall-Grad jew fil-Kors għad-Diploma, l-applikanti, barra milli jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita', għandu jkollhom ċertifikat li għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fl-Ingliż, jew l-ekwivalenti tiegħu.

5. L-applikanti huma meħtieġa jindikaw għal liema Kors għad-Diploma jew għall-Kors għall-Grad qed japplikaw fuq il-formola ta' l-applikazzjoni.

6. L-applikanti li kisbu d-Diploma in Library and Information Studies mill-Universita' ta' Malta sa u inkluż l-2005 huma eliġibbli sa Ottubru 2009 biex japplikaw biex jidħlu fil-Kors għall-Grad b'eżenzjonijiet kif approvat mill-Bord.

It-Tul tal-Kors

7. (1) Il-Kors għall-Grad jinfirex fuq medda ta' tlett snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew ħames snin ta' studju fuq bażi *part-time*.

(2) Il-Kors għad-Diploma jinfirex fuq medda ta' sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programmi tal-Kors

8. (1) Il-programm għall-Grad jikkonsisti f'taqsimiet studju, li għalihom hemm assenjati 180 kredtu, inklużi taqsimiet studju sinottiċi, żewġ pjazzamenti u dissertazzjoni.

(2) Il-programmi għad-Diploma jikkonsistu f'taqsimiet studju, li għalihom hemm assenjati 60 kredtu magħżula mill-programm għall-Grad kif xieraq għad-Diploma partikolari, u inklużi taqsimiet studju sinottiċi, pjazzament u esej twil.

9. Il-Bord għandu jippubblika l-programmi ta' studju tal-Kors għall-Grad u tal-Kors għad-Diploma, imfassla skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali, u approvati mis-Senat qabel il-bidu ta' kull Kors. Bl-approvazzjoni tas-Senat, fil-każ li l-Bord ikun kostrett jagħmel xi tibdiliet, l-istudenti jridu jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-programm ta' studju li qed isegwu għall-Grad jew għad-Diploma.

It-Trasferiment għall-Kors għall-Grad

10. Jekk studenti rreġistrati għall-Kors għad-Diploma jagħżlu li jaqilbu għall-Kors għall-Grad, huma għandhom jagħmlu talba bil-miktub lill-Bord matul l-ewwel semestru tal-progrmm (fil-każ ta' studju fuq bażi *full-time*) jew matul l-ewwel sena ta' studju (fil-każ ta' studju fuq bażi *part-time*).

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

11. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

Taqsimiet studju mgħallma (inklużi l-pjazzamenti iżda mhux it-taqsimiet studju sinottiċi u d-dissertazzjoni)	40%
Taqsimiet studju sinottiċi	40%
Id-dissertazzjoni	20%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-Kors, li jingħataw piż kif ġej:

Taqsimiet studju mgħallma, il-pjazzament u l-esej twil	60%
Taqsimiet studju sinottiċi	40%.